

# Il-Kolonni tal-irħam tas-Santwarju

**Ronald Pisani**

*Marmista*

Kienet is-sena 1982, meta l-Pirjol Victor Schembri O.C. kien ikkuntattjani biex nibda naħdem fil-knisja l-ġdida tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

Ix-xogħol kien jikkonsisti li jerġgħu jintramaw l-artali tal-irħam li kienu fil-knisja l-qadima. Ix-xogħol beda immedjatament f'dik is-sena u l-ewwel artal li ġie rrestawrat kien dak tas-Sagrament; li jikkonsisti f'materjal ta' preġju l-aktar kbir għax partijiet minnu maħduma minn ħaġar prezzjuż; bl-isem ta' 'Malakita'. Dan il-materjal hu ta' lewn ħadrani.

Wara li kienu tlestew l-artali, b'kollox tmienja, kien tħejja pjan biex terġa' tinbena t-tribuna.

It-tribuna tal-Bażilika tal-Karmnu kienet inħadmet fl-1906 fuq disinn ta' Pio Cellini u kienet l-ewwel Tribuna li kien hawn f'Malta.

Fuq din l-opra tal-arti kien hemm ħafna x'jingħad minħabba l-materjal li kien intuża; bħal irħam fin u xogħol tal-bronż.

Sadanittant kien laħaq Pirjol Patri Ġiljan Calleja O.C. u fis-sena 1984 kien beda l-ħsieb biex jinksew il-kolonni tal-knisja bl-irħam.

Dawn jikkonsistu fi tnax-il kolonna b'tul ta' ħamsin pied il-waħda.

Ta' min wieħed jgħid li dawn il-kolonni kienu ppjanati biex wara li jitlestew mill-istruttura tal-konkrit jinksew bl-irħam.

Il-benefattur ta' dan il-proġett kien is-Sur Pio li kien iservi bħala sagristan ta' din il-knisja tal-Karmnu. Kien Patri Franco Falzon li kien ħajjarni biex nidħol għal din il-biċċa xogħol kbira u kkumplikata, tant li fil-bidu kważi kont qtajt qalbi minħabba l-impenn kbir biex dan iseħħ kif kien ippjanat; jiġifieri li jinksew bl-irħam.

Niftakar li meta qalli biex naħdem dan il-proġett, jien għedtlu li kieku kienu tnejn biss, kont lest li naħdem dan ix-xogħol, iżda naħdem tnax-il waħda ma kont se nasal qatt!

Patri Franco qagħad jismagħni b'dik il-kalma karatteristika tiegħu u wara kien irrispondieni billi qalli, 'mela int kif tlesti żewġ kolonni bi ħsiebek tieqaf mix-xogħol?' u jien irrispondejtu 'dażgur li le!' u fil-pront hu tbissem u qalli, 'mela għax flok żewġ kolonni taħdem tnax-il kolonna, mhux xorta waħda hu xogħol?!'

F'kelma waħda jiena aċċettajt li nidħol għal dan il-proġett kbir. Ta' min jgħid li Patri Franco Falzon kien saċerdot tal-affari tiegħu, eżemplari u bniedem ta' kultura kbira.

Meta kien sar il-ftehim ta' dan il-proġett, kien ġie deċiż li l-materjal jinġieb mill-Italja u mmur nagħżlu jiena stess, flimkien ma' Patri Ġiljan Calleja. Kienet is-sena 1984 meta mora l-ewwel darba Sqallija biex naraw xi materjal, iżda ma konna ftehmna xejn.

Wara konna erġajna morna, din id-darba l-Italja biex minn Ruma mmorru Siena għall-irħam isfar u wara morna Carrara biex inġibu l-kumplament tal-irħam li kien jikkonsisti f'irħam ħamrani 'Rosso Magnabaschi', irħam iswed 'Negro Portoro' u irħam aħdar 'Verde Antico'. Dan tal-aħħar kien parti mil-lott li kien sejjer l-Arabja Sawdija, biex isir xogħol tal-irħam f'Moskea, f'dak il-pajjiż.

Ix-xogħol kien inbeda f'dik is-sena, 1984, u l-ewwel kolonna li kienet inħadmet, kienet dik ta' maġenb tas-Sagrament fuq in-naħa tax-xellug.

Ta' min jgħid li ma' kull kolonna ġew użati 189 faxxa, 'Rosso Magnabaschi' sabiex jiksu l-konkos.

Għaz-zokklatura ta' kull kolonna, ġie użat irħam 'Nero Portoro' u irħam 'Verde Antico'; filwaqt li għall-gwarniċi tal-kolonni ntuża l-irħam 'Giallo di Siena'. Kull kolonna kienet tieħu madwar xahrejn biex titlesta u l-proġett kollu dam erba' snin. Ma ninsiex insemmi wkoll, lill-Patri Martin Schembri O.C. li ħadem ħafna sabiex dan il-proġett ambizzjuż jitlesta u titwettaq il-ħolma ta' ħafna ammiraturi tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, fil-Belt Valletta.



**L-Abbatini quddiem il-vara waqt il-purċissjoni fis-snin ta' wara l-gwerra**